MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2009

Numru. 1337/2009

Il-Pulizija
(Sp Mario Haber)
vs
Ismael Abubaker
Khader Mohamed Khamis

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati Ismael Abubaker, nazzjonalita Sudaniza, mwieled go Darfur, Sudan fit-12 ta' Jannar 1982, iben Abubaker u Mariam, numru moghti mill-Pulizija 06TT-033

U

Khader Mohamed Khamis, nazzjonalita' Sudaniza, mwieled f'Darfur, Sudan fl-1 ta' Jannar 1981, iben Mohamed u Hawa, numru moghti mill-Pulizija 08JJ-027

Akkuzati talli fis-26 ta' Dicembru 2009 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer ffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passaporti, karti ta' l-identita' u permess ta' residenza jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom passaporti, karti ta' l-identita' u permess ta' residenza li huma kienu jafu li gew ffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom bin-numru 37473 (passaport), AR 5606750 (karta ta' l-identita') u SRM066722 (permess ghar-residenza) rispettivament fl-isem ta' Abubakar Zakariya fil-pussess ta' Ismail Abubaker u kif wkoll 976446 (passaport) u AR 4930098 (karta ta' l-identita') fl-isem ta' Yadar Salah Abdalla fil-pussess ta' Khader Mohammed Khamis u dan bi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifikaw xi d okumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 32 (1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali fejn ta l-kunsens tieghu biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Dicembru 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Semghet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Ghaldaqstant ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom. Rat l-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, l-

Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 321 (1)(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta. Rat l-ammissjoni bikrija, l-fedina penali netta u l-kollaborazzjoni mal-pulizija. Ghalhekk tikkundanna lil kull wiehed mill-imputati ghal piena ta’ sitt xhur prigunerija. Tordna li l-imputati jinghataw l-ghajnuna kollha mehtiega waqt li jkunu fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------